MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**CAROL PERALTA**

Seduta tal-21 ta' Mejju, 2002

Numru 228/2003

**PULIZIJA**
**SPETTUR J. MERCIECA**

**VS**

**FRANCIS MICALLEF.**

**Illum 21 ta' Mejju 2003.**

Il-Qorti;

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Francis Micallef, ta’ 44 sena, iben Peter u Rosaria nee’ Fenech, imwieled Gharghur fis-27 ta’ Marzu 1960 u li joqghod 58, Triq Parades, San Pawl il-Bahar, bin-numru tal-karta ta’ l-identita’ 327260M;

Talli fl-24 ta’ Frar, 2003, ghall-habta tas-2.00pm, fi Triq San Publiju, San Pawl il-Bahar:

1) Volontarjament kiser il-bon ordni u l-paci pubblika b’ghajjar u/jew glied;

2) Hebb ghall-Alured Bouslama ta’ 9 snin u kkagunalu griehi ta’ natura gravi, skond kif iccertifikaw Dr. Joseph Saliba M.D. u Dr. N. Buttigieg M.D.

Wara illi rat l-Artikoli 338(dd) u 216(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Ikkonsidrat:

Illi l-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata ta’ l-imputat, ma’ thalli ebda alternattiva ohra lil din il-Qorti, hlief li ssibu hati ta’ l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu mill-Prosekuzzjoni.

Fir-rigward tal-piena, din il-Qorti qeghda tilliberah bil-kondizzjoni li ma jikkommettix reat iehor fiz-zmien tlett (3) snin mil-lum, a tenur ta’ l-Artikolu 22 tal-kapitolu 446, tal-Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti spjegat il-portata ta’ din is-sentenza lill-imputat.

---------------------------------TMIEM---------------------------------